



IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussell, 13.9.2011
KUMM(2011) 554 finali

2011/0237 (NLE)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-KUNSILL

li jimponi dazju anti-dumping definittiv fuq importazzjonijiet ta' makkinarju ta' ġarr ta' pallets bl-idejn u l-partijiet essenzjali tiegħu li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina, kif estiż għal importazzjonijiet ta' makkinarju ta' ġarr ta' pallets bl-idejn u l-partijiet essenzjali tiegħu mibgħutin mit-Tajlandja, sew jekk dikjarati li joriġinaw mit-Tajlandja u sew jekk le, wara reviżjoni tal-iskadenza skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1225/2009

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1) IL-KUNTEST TAL-PROPOSTA

- **Ir-raġunijiet għall-proposta u l-għanijiet tagħha**

Din il-proposta tikkonċerna l-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1225/2009 tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Komunità Ewropea ("ir-Regolament bażiku"), fil-proċediment tar-reviżjoni tal-iskadenza fir-rigward tad-dazju anti-dumping fis-seħħ għall-importazzjonijiet ta' makkinarju ta' ġarr ta' pallets bl-idejn u l-partijiet essenzjali tiegħu li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina.

- **Il-kuntest ġenerali**

Din il-proposta qiegħda ssir fil-kuntest tal-implimentazzjoni tar-Regolament bażiku u hija r-riżultat ta' investigazzjoni li twettqet skont ir-rekwiżiti sostantivi u proċedurali stipulati fir-Regolament bażiku.

- **Id-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam tal-proposta**

Dazju anti-dumping definittiv fuq l-importazzjonijiet li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina ta' makkinarju ta' ġarr ta' pallets bl-idejn li jaqa' taħt il-kodiċi NM ex 8427 90 00 u ex 8431 20 00, ġie impost bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1174/2005 (ĠU L 189, 21.7.2005, p. 1.) kif emendat bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 684/2008 (ĠU L 182, 19.7.2008, p. 1).

- **Il-konsistenza ma' politiki u għanijiet oħra tal-Unjoni**

Mhux applikabbli.

2) KONSULTAZZJONI MAL-PARTIJET INTERESSATI U VALUTAZZJONI TAL-IMPATT

- **Konsultazzjoni mal-partijiet interessati**

Il-partijiet interessati milquta mill-proċediment kellhom il-possibbiltà li jiddefendu l-interessi tagħhom matul l-investigazzjoni, skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolament bażiku.

- **Il-ġbir u l-użu tal-kompetenzi**

Ma kienx hemm hteġa ta' kompetenzi esterni.

- **Il-valutazzjoni tal-impatt**

Din il-proposta hija r-riżultat tal-implimentazzjoni tar-Regolament bażiku.

Ir-Regolament bażiku ma jipprevedix valutazzjoni tal-impatt ġenerali iżda jinkludi lista eżawrjenti ta' kundizzjonijiet li jridu jiġu vvalutati.

3) **L-ELEMENTI LEGALI TAL-PROPOSTA**

- **Taqkira tal-azzjoni proposta**

Fl-20 ta' Lulju 2010, il-Kummissjoni bdiet, wara talba sostanzjata minn żewġ produttori tal-Unjoni, reviżjoni tal-iskadenza tad-dazju anti-dumping fis-seħħ fir-rigward tal-importazzjonijiet ta' makkinarju ta' ġarr ta' pallets bl-idejn u l-partijiet essenzjali tiegħu li joriġinaw mir-Repubblika Popolari ta' Ċina.

Mill-investigazzjoni tar-reviżjoni ħareġ li kien hemm dumping u ħsara kontinwi li, kieku kellhom jitneħħew il-miżuri tal-anti-dumping, se jirriżultaw fi ħsara rikorrenti lill-industrija tal-Unjoni. Ġie stabbilit ukoll li t-tneħħija tal-miżuri ma kinitx se tkun fl-interess tal-Unjoni.

Għalhekk, huwa ssuġġerit li l-Kunsill jadotta l-proposta meħmuża għal Regolament sabiex jestendi l-miżuri eżistenti, li għandu jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* sa mhux aktar tard mid-19 ta' Ottubru 2011.

- **Il-bażi legali**

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1225/2009 tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Komunità Ewropea.

- **Il-prinċipju tas-sussidjarjetà**

Il-proposta taqa' fil-kompetenza esklużiva tal-Unjoni Ewropea. Għaldaqstant, il-prinċipju tas-sussidjarjetà ma japplikax.

- **Il-prinċipju tal-proporzjonalità**

Il-proposta hija konformi mal-prinċipju tal-proporzjonalità għar-raġunijiet li ġejjin:

Il-forma ta' azzjoni hija deskritta fir-Regolament bażiku msemmi hawn fuq u ma tagħtix lok għal deċiżjoni nazzjonali.

L-indikazzjoni ta' kif il-piż finanzjarju u amministrattiv li jaqa' fuq l-Unjoni, il-gvernijiet nazzjonali, l-awtoritajiet reġjonali u lokali, l-operaturi ekonomiċi u ċittadini huwa mminimizzat u proporzjonat meta mqabbel mal-għan tal-proposta, mhijiex applikabbli.

- **L-għażla tal-istrumenti**

L-istrumenti proposti: regolament.

Mezzi oħra ma jkunux adegwati għar-raġuni li ġejja:

Ir-Regolament bażiku ma jipprevedix għażliet alternattivi.

4) **L-IMPLIKAZZJONI BAĠITARJA**

Il-proposta ma għandha l-ebda implikazzjoni għall-baġit tal-Unjoni.

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-KUNSILL

li jimponi dazju anti-dumping definittiv fuq importazzjonijiet ta' makkinarju ta' ġarr ta' pallets bl-idejn u l-partijiet essenzjali tiegħu li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina, kif estiż għal importazzjonijiet ta' makkinarju ta' ġarr ta' pallets bl-idejn u l-partijiet essenzjali tiegħu mibgħutin mit-Tajlandja, sew jekk dikjarati li joriġinaw mit-Tajlandja u sew jekk le, wara reviżjoni tal-iskadenza skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1225/2009

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1225/2009 tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Komunità Ewropea¹ ("ir-Regolament bażiku"), u b'mod partikolari l-Artikoli 9(4) u 11(2), (5) u (6) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta sottomessa mill-Kummissjoni Ewropea ("il-Kummissjoni") wara li kkonsultat mal-Kumitat Konsultattiv,

Billi:

A. IL-PROĊEDURA

1. Miżuri fis-seħħ

- (1) Il-Kunsill, wara investigazzjoni dwar l-anti-dumping ("l-investigazzjoni oriġinali"), impona bir-Regolament (KE) Nru 1174/2005², dazju anti-dumping definittiv fuq l-importazzjonijiet li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina ta' makkinarju ta' ġarr ta' pallets bl-idejn u l-partijiet essenzjali tiegħu, li attwalment jaqgħu taħt il-kodiċi NM ex 8427 90 00 u ex 8431 20 00 ("il-miżuri tal-anti-dumping definittivi"). Il-miżuri ttieħdu f'forma ta' dazju *ad valorem* li jvarja bejn 7,6 % u 46,7 %.
- (2) Il-Kunsill, wara reviżjoni *ex officio* interim tal-kamp ta' applikazzjoni tal-prodott ikkjarifika, bir-Regolament Nru 684/2008³, il-kamp ta' applikazzjoni tal-prodott tal-investigazzjoni oriġinali.
- (3) Wara investigazzjoni *ex officio* ta' kontra l-evalwazzjoni tal-liġi tal-miżuri tal-anti-dumping, il-Kunsill, permezz tar-Regolament (KE) Nru 499/2009⁴, estenda d-dazju

¹ ĠU L 343, 22.12.2009, p. 51.

² ĠU L 189, 21.7.2005, p. 1.

³ ĠU L 192, 19.7.2008, p. 1.

anti-dumping definittiv applikabbli għall-"kumpaniji l-oħra kollha" imponut bir-Regolament (KE) Nru 1174/2005 għall-makkinarju ta' ġarr ta' pallets bl-idejn u l-partijiet essenzjali tiegħu mibgħutin mit-Tajlandja, sew jekk iddikjarati li joriġinaw mit-Tajlandja u sew jekk le.

2. It-talba għal reviżjoni tal-iskadenza

- (4) Wara l-pubblikazzjoni ta' avviż ta' skadenza imminenti⁵ tal-miżuri tal-anti-dumping definittivi fis-seħħ, fil-21 ta' April 2010 il-Kummissjoni rċeviet talba għall-inizjazzjoni ta' reviżjoni tal-iskadenza ta' dawn il-miżuri skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament bażiku. It-talba ġiet ippreżentata minn żewġ produttori tal-Unjoni: BT Products AB u Lifter S.r.l. ("l-applikanti") jirrappreżentaw proporzjon prinċipali, f'dan il-każ kważi l-produzzjoni kollha fl-Unjoni tal-makkinarju ta' ġarr ta' pallets bl-idejn u l-partijiet essenzjali tiegħu.
- (5) It-talba kienet ibbażata fuq ir-raġuni li l-iskadenza tal-miżuri probabbli tirriżulta f'kontinwazzjoni jew rikorrenza ta' dumping u ħsara lill-Industrija tal-Unjoni.

3. L-inizjazzjoni ta' reviżjoni tal-iskadenza

- (6) Wara li ddeterminat, wara konsultazzjoni mal-Kumitat Konsultattiv, li kien hemm biżżejjed evidenza għall-inizjazzjoni ta' reviżjoni tal-iskadenza, il-Kummissjoni ħabbret nhar l-20 ta' Lulju 2010, permezz ta' avviż ippubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*⁶ ("in-Notifikazzjoni tal-inizjazzjoni"), l-inizjazzjoni ta' reviżjoni tal-iskadenza skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament bażiku.

4. L-investigazzjoni

4.1. Il-perjodu ta' investigazzjoni

- (7) L-investigazzjoni tal-kontinwazzjoni jew tar-rikorrenza tad-dumping kopriet il-perjodu mill-1 ta' Lulju 2009 sat-30 ta' Ġunju 2010 ("il-perjodu tal-investigazzjoni tar-reviżjoni" jew il-"PIR"). L-eżami tat-tendenzi rilevanti għall-valutazzjoni tal-probabbiltà ta' kontinwazzjoni jew rikorrenza ta' ħsara kopra l-perjodu mill-1 ta' Jannar 2007 sat-tmiem tal-perjodu ta' investigazzjoni tar-reviżjoni ("il-perjodu meqjus").

4.2. Il-partijiet milquta mill-investigazzjoni

- (8) Il-Kummissjoni avżat uffiċjalment lill-applikanti, lill-produtturi esportaturi, lill-importaturi, lill-utenti magħrufa li huma kkonċernati, u lir-rappreżentanti tal-pajjiż esportatur dwar l-inizjazzjoni tar-reviżjoni tal-iskadenza. Il-partijiet interessati ngħataw l-opportunità li jesprimu l-fehmiet tagħhom bil-miktub u li jitolbu seduta ta' smiġh fil-limitu taż-żmien stabbilit fin-Notifikazzjoni ta' inizjazzjoni.
- (9) Il-partijiet kollha interessati, li talbu dan u wrew li kien hemm raġunijiet partikolari għaliex għandhom jinstemgħu, ingħataw seduta ta' smiġh.

4 ĠU L 151, 16.6.2009, p. 1.

5 ĠU C 70, 19.3.2010, p. 29.

6 ĠU C 196, 20.7.2010, p. 15.

- (10) Minħabba l-għadd li jidher li hu kbir ta' importaturi mhux relatati, kien meqjus xieraq, skont l-Artikolu 17 tar-Regolament bażiku, li jiġi eżaminat jekk għandux jittieħed kampjun. Sabiex il-Kummissjoni tkun tista' tiddeċiedi jekk hux neċessarju li jittieħed kampjun u, jekk ikun il-każ, tagħżel kampjun, il-partijiet imsemmija hawn fuq intalbu, skont l-Artikolu 17 tar-Regolament bażiku, jippreżentaw irwieħhom fi żmien 15-il jum mill-inizjazzjoni tar-reviżjonijiet u biex jipprovdu lill-Kummissjoni bl-informazzjoni mitluba fin-Notifikazzjoni tal-inizjazzjoni. Madankollu, l-ebda importatur ma offra l-kooperazzjoni tiegħu. It-teħid ta' kampjun għalhekk ma kienx neċessarju.
- (11) Il-Kummissjoni bagħtet kwestjonarji lill-partijiet kollha magħrufa kkonċernati u lil dawk li ppreżentaw ruħhom fl-iskadenzi stabbiliti fin-Notifikazzjoni ta' inizjazzjoni. Waslu risposti miż-żewġ gruppi ta' produttori tal-Unjoni, li huma l-applikanti. L-ebda wieħed mill-produttori esportaturi magħrufa fir-Repubblika Popolari taċ-Ċina ("RPĊ") ma kkopera fir-reviżjoni. L-ebda wieħed mill-importaturi ma ppreżenta ruħu matul l-eżerċizzju tat-teħid ta' kampjuni u l-ebda importatur jew utent ieħor ma pprova informazzjoni lill-Kummissjoni jew ippreżenta ruħu matul il-perjodu ta' investigazzjoni.
- (12) Il-Kummissjoni fittxet u vverifikat l-informazzjoni kollha li qieset li kienet neċessarja għad-determinazzjoni tal-probabbiltà tal-kontinwazzjoni jew ir-rikorrenza ta' dumping u l-ħsara li tirriżulta minnu u tal-interess tal-Unjoni. Twettqu żjarat ta' verifika fuq il-post tal-partijiet interessati li ġejjin:

Il-produttori tal-Unjoni

- Lifter SRL, Casole d'Elsa, l-Italja;
- BT Products AB, Mjölby, l-Isvezja.

B. IL-PRODOTT IKKONĊERNAT U L-PRODOTT SIMILI

- (13) Il-prodott milqut minn din ir-reviżjoni huwa l-istess bħal dak fl-investigazzjoni oriġinali u ċċarat mir-reviżjoni interim tal-kamp ta' applikazzjoni tal-prodott, jiġifieri makkinarju ta' ġarr ta' pallets bl-idejn u l-partijiet essenżjali tiegħu, jiġifieri x-xażi u s-sistema idrawlika, li joriġinaw mir-RPĊ u li attwalment jaqgħu taħt il-kodiċi NM ex 8427 90 00 u ex 8431 20 00. Għall-għan ta' dan ir-Regolament, il-makkinarju ta' ġarr ta' pallets bl-idejn għandu jkun makkinarjut b'roti li jirfdu l-lifting fork arms għat-tqandil tal-pallets, iddisinjati biex jiġu mbuttati, miġbuda u mmexxija bl-idejn, fuq pavimenti lixxi, livelli u ibsin, minn operatur pedonali bl-użu ta' laċċ artikulat. Il-makkinarju ta' ġarr ta' pallets bl-idejn, huwa ddisinjati biss biex jgħolli tagħbija, billi jippompja l-laċċ, sa għoli li hu biżżejjed għall-ġarr u ma għadu l-ebda funzjoni jew użu addizzjonali ieħor bħal, pereżempju, (i) biex iġorr u jerfa' t-tagħbija biex titpoġġa aktar fl-għoli jew biex jgħin fil-ħżin tat-tagħbija ("highlifters"), (ii) biex jistiva pallet wieħed fuq l-ieħor ("stackers"), (iii) biex jerfa' t-tagħbija għal livell fejn isir ix-xogħol ("scissorlifts") jew (iv) biex jerfa' u jiżen it-tagħbija ("weighing trucks").
- (14) L-investigazzjoni kkonfermat li, bħal fl-investigazzjoni oriġinali, il-prodott ikkonċernat u l-prodotti manifatturati u mibjugħin fis-suq domestiku fir-RPĊ, kif ukoll dawk immanifatturati u mibjugħin fl-UE mill-produttori tal-Unjoni, għandhom l-istess karatteristiċi fiżiċi u tekniċi bażiċi kif ukoll l-istess użi u huma, għalhekk, meqjusin bħala prodotti simili skont it-tifsira tal-Artikolu 1(4) tar-Regolament bażiku.

C. IL-PROBABBILTÀ TA' KONTINWAZZJONI JEW RIKORRENZA TAD-DUMPING

- (15) Skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament bażiku, ġie eżaminat jekk huwiex probabbli li l-iskadenza tal-miżuri eżistenti twassal għall-kontinwazzjoni jew ir-rikorrenza tad-dumping.

1. Il-kummenti preliminari

- (16) Mal-inizjazzjoni ġew ikkuntattjati 19-il produttur esportatur Ċiniż. Inizjalment, kumpanija waħda biss, Crown Equipment (Suzhou), ippreżentat lilha nnifisha u qablet li tiġi inkluża fil-kampjun, iżda sussegwentement irtirat il-kooperazzjoni tagħha. Konsegwentement, l-ebda wieħed mill-produtturi esportaturi fir-RPĊ ma kkoopera fl-investigazzjoni u s-sejbiet dwar il-probabbiltà ta' kontinwazzjoni jew rikorrenza tad-dumping kellhom jiġu bbażati fuq il-fatti disponibbli, partikolarment fuq l-informazzjoni sottomessa mill-applikanti, inkluża l-informazzjoni fit-talba għal reviżjoni, dejta mill-Eurostat, kif ukoll statistika uffiċjali dwar l-esportazzjoni tar-RPĊ.

2. Id-dumping ta' importazzjonijiet matul il-PIR

2.1. Il-pajjiż analogu

- (17) Skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 2(7)(a) tar-Regolament bażiku, il-valur normali kellu jiġi ddeterminat abbażi tal-prezz jew tal-valur normali kostrutt miksub f'pajjiż terz b'ekonomija tas-suq xierqa ("il-pajjiż analogu"), jew il-prezz mill-pajjiż analogu għal pajjiżi oħra, inkluża l-Unjoni, jew, fejn dan ma kienx possibbli, fuq kwalunkwe bażi oħra raġonevoli, inkluż il-prezz imħallas realment jew li għandu jitħallas fl-Unjoni għall-prodott simili, aġġustat b'mod xieraq jekk meħtieġ biex jinkludi marġni ta' profitt raġonevoli.
- (18) Fl-istħarriġ oriġinali, il-Kanada ntużat bħala pajjiż analogu sabiex jiġi stabbilit il-valur normali. Minħabba li l-produzzjoni fil-Kanada kienet naqset, il-Brażil kien previst bħala l-pajjiż analogu fin-notifikazzjoni tal-inizjazzjoni għar-reviżjoni preżenti. Madankollu, l-ebda wieħed mill-produtturi esportaturi Brażiljani magħrufa ma qabel li jikkoopera. Alternattivament, tfittxet il-kooperazzjoni ta' 27 produttur Indjan u żewġ produtturi mit-Tajwan, iżda bħal fil-każ ta' fuq ma nġhatat l-ebda kooperazzjoni. Il-partijiet interessati ma ressqu l-ebda suġġeriment ieħor għal pajjiż analogu.
- (19) Produttur esportatur wieħed iddikjara li l-Kummissjoni ma wrietx li l-użu ta' dejta mill-pajjiż analogu kien impossibbli fil-każ kurrenti. Is-suġġerimenti li nġhataw mill-kumpanija ġew iċċekkjati. F'ċerti każijiet il-kumpaniji ssuġġeriti mill-esportatur li ma kkooperax, jidher li ma kinux produtturi tal-prodott ikkonċernat. Il-kumpanija ssuġġeriet ukoll li l-Vjetnam seta' ntuża bħala pajjiż analogu. Madankollu, il-Vjetnam meta setax jitqies billi mhuwiex meqjus bħala pajjiż b'ekonomija tas-suq. Kif inhu spjegat fil-premessi (17) u (18) hawn fuq, il-Kummissjoni kkuntattjat għadd kbir ta' kumpaniji fi tliet pajjiżi analogi potenzjali: il-Brażil, l-Indja u t-Tajwan. Minkejja dawn l-isforzi ma nstabat l-ebda kooperazzjoni. Fin-nuqqas ta' kooperazzjoni minn pajjiż analogu, skont l-Artikolu 2(7)(a) tar-Regolament bażiku, il-valur normali kellu jiġi bbażat fuq il-prezz li attwalment jitħallas jew li hu pagabbli fl-Unjoni Ewropea għall-prodott simili, aġġustat kif xieraq jekk huwa neċessarju biex jiġi inkluż marġni ta' profitt raġonevoli. Għalhekk it-talba kellha tiġi rrifjutata.

2.2. *Il-valur normali*

- (20) Fid-dawl tan-nuqqas ta' kooperazzjoni minn pajjiż analogu fir-reviżjoni preżenti, il-prezz li jitħallas attwalment jew li hu pagabbli fl-Unjoni għall-prodott simili aġġustat jekk meħtieġ biex jiġi inkluż marġni ta' profitt, kien użat bħala bażi għall-istabbiliment tal-valur normali. L-istess metodoloġija kienet użata kemm għall-kumpanija li ngħatat l-MET fl-investigazzjoni oriġinali u kemm għall-kumpaniji li ma ngħatawx l-MET fl-investigazzjoni oriġinali.

2.3. *Il-prezz tal-esportazzjoni*

- (21) Fid-dawl tal-fatt li l-ebda wieħed mill-produtturi esportaturi Ċiniżi ma kkoopera, il-prezz tal-esportazzjoni kien stabbilit abbażi tal-fatti disponibbli. Sabiex jiġi stabbilit il-prezz tal-esportazzjoni ġew ikkonsultati diversi sorsi ta' informazzjoni: dejta tal-Eurostat, offerti ta' produtturi esportaturi Ċiniżi kif sottomessi mill-applikanti u fatturi tal-esportazzjoni miġbura mill-awtoritajiet doganali fl-Istati Membri.

2.4. *It-tqabbil*

- (22) Il-valur normali medju peżat tqabbil mal-prezz medju peżat tal-esportazzjoni, fuq bażi tal-prezz tal-fabbrika u fuq l-istess livell tal-kummerċ. Skont l-Artikolu 2(10) tar-Regolament bażiku, u biex jiġi żgurat tqabbil ġust, tqiesu d-differenzi fil-fatturi li jaffettwaw il-prezz u l-paragunabbiltà tal-prezzijiet. Saru xi aġġustamenti għat-trasport tal-merkanzija bl-oċean u domestiku fil-pajjiż esportatur, kif ukoll assigurazzjoni.

2.5. *Il-marġni tad-dumping*

- (23) Skont l-Artikolu 2(11) tar-Regolament bażiku, il-marġni tad-dumping kien stabbilit fuq bażi ta' tqabbil bejn il-valur medju normali peżat u l-prezz medju tal-esportazzjoni peżat. Dan it-tqabbil wera l-eżistenza ta' dumping sinifikanti tul il-PIR li kien ivarja minn 97 % sa 224 %. Id-differenza sinifikanti fil-marġni tad-dumping tirriżulta mid-dejta differenti użata għall-istabbiliment tal-prezz tal-esportazzjoni.

3. *L-iżvilupp tal-importazzjonijiet jekk jiġu revokati l-miżuri*

- (24) Minbarra l-analiżi tal-eżistenza ta' dumping matul il-PIR, ġiet investigata l-probabbiltà ta' kontinwazzjoni ta' dumping jekk jiġu revokati l-miżuri. Minħabba l-fatt li l-ebda produttur esportatur fir-RPĊ ma kkoopera f'din l-investigazzjoni, il-konklużjonijiet ta' hawn taħt huma msejsa fuq il-fatti disponibbli skont l-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku, jiġifieri l-informazzjoni mogħtija fit-talbiet għal reviżjoni kif ukoll id-dejta mogħtija mill-applikanti, id-dejta tal-Eurostat u l-istatistika uffiċjali dwar l-esportazzjoni tar-RPĊ.
- (25) F'dan ir-rigward, l-elementi li ġejjin ġew analizzati: l-iżvilupp tal-importazzjonijiet mir-RPĊ, il-kapaċità żejda tal-esportaturi u kemm hu attraenti s-suq tal-Unjoni, il-prezzijiet domestiċi taċ-Ċina u l-prezzijiet tal-esportazzjoni lejn pajjiżi terzi.

3.1. *L-iżvilupp tal-importazzjonijiet mir-RPĊ*

- (26) Il-produtturi esportaturi Ċiniżi baqgħu jfornu volumi sinifikanti ta' makkinarju ta' ġarr ta' pallets bl-idejn lis-suq tal-UE wara l-impożizzjoni tal-miżuri fl-2005. Il-volum tal-importazzjonijiet mir-RPĊ lejn l-UE waqt il-PIR, kważi 400 000 unità, li

jikkorrespondi għal 99 % tal-importazzjonijiet totali tal-UE, qabeż b'mod konsiderevoli l-livelli li ġew irreġistrati qabel l-impożizzjoni tal-miżuri (li kienu jvarjaw minn 118 000 unità fis-sena 2000 sa 280 000 unità fil-PI oriġinali).

3.2. *Il-kapaċità żejda tal-esportaturi*

- (27) Fin-nuqqas ta' informazzjoni oħra li tirrigwarda l-produzzjoni u l-kapaċità fir-RPĊ, l-analiżi saret skont l-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku fuq il-bażi tal-informazzjoni sottomessa mill-applikanti. L-informazzjoni tas-suq li tinsab fit-talba għal reviżjoni, li ma ġietx ikkuntestata mill-partijiet interessati, turi li hemm kapaċità kbira fir-RPĊ. Il-livelli ta' produzzjoni fl-2008 u l-2009, rispettivament 1,5 miljun unità u 800 000 unità, diġà kienu iktar mid-doppju tad-daqs tas-suq kollu tal-UE. Barra minn hekk, proporzjon limitat biss tal-produzzjoni Ċiniża (14 % fl-2008 u 23 % fl-2009) inbiegħ fis-suq domestiku Ċiniż.
- (28) Il-livelli ta' produzzjoni jenfasizzaw biċ-ċar il-konklużjoni li fin-nuqqas ta' miżuri, kwantitajiet addizzjonali sinifikanti ta' makkinarju ta' ġarr ta' pallets bl-idejn miċ-Ċina jistgħu jintbagħtu lejn is-suq tal-Unjoni.

3.3. *Kemm hu attraenti s-suq tal-Unjoni, il-prezzijiet domestiċi Ċiniżi u l-prezzijiet tal-esportazzjoni lejn pajjiżi terzi*

- (29) Is-suq tal-Unjoni jibqa' attraenti għall-produtturi esportaturi Ċiniżi fir-rigward ta' prezzijiet. L-importazzjonijiet mir-RPĊ daħlu fl-UE b'madwar terz tal-prezzijiet tal-industrija tal-Unjoni għall-klijenti tagħha tal-UE li mhumieks relatati.
- (30) Abbażi tal-istatistika dwar l-esportazzjoni taċ-Ċina, instab li tul il-PIR l-Unjoni kienet id-destinazzjoni ta' 40 % tal-esportazzjoni kollha miċ-Ċina tal-makkinarju ta' ġarr ta' pallets bl-idejn. L-Istati Uniti jikkostitwixxu t-tieni l-ikbar suq tal-esportazzjoni għall-makkinarju ta' ġarr ta' pallets bl-idejn miċ-Ċina, li jammonta għal 20 % tal-esportazzjonijiet kollha miċ-Ċina, filwaqt li l-bqija tal-volumi huma mifruxa fuq destinazzjonijiet differenti.
- (31) Il-prezzijiet tal-esportazzjoni taċ-Ċina lejn l-UE, huma b'mod ġenerali f'konformità mal-prezzijiet tal-esportazzjoni medji taċ-Ċina lejn il-pajjiżi terzi kollha minbarra l-Istati Uniti. Madankollu, jista' jiġi konkluż li tal-inqas parti mill-esportazzjonijiet taċ-Ċina lejn il-pajjiżi terzi minbarra l-UE jew l-Istati Uniti (40 % tal-esportazzjonijiet kollha miċ-Ċina) jistgħu potenzjalment jintbagħtu lejn l-UE minflok fid-destinazzjoni oriġinali jekk il-miżuri jiġu revokati. Żvilupp bħal dan huwa probabbli, mhux biss minħabba li jistgħu jintlaħqu prezzijiet ogħla fl-assenza tal-miżuri iżda notevolment minħabba l-frammentazzjoni ta' daww l-esportazzjonijiet lejn pajjiżi terzi. Minħabba l-importanza tas-suq tal-UE u ta' mezzi ta' bejgħ li huma diġà stabbiliti, ikun iktar faċli li wiehied jikkontrolla destinazzjoni waħda tal-esportazzjonijiet milli diversi pajjiżi.
- (32) Il-prezzijiet tal-esportazzjoni miċ-Ċina lejn l-UE, huma konsiderevolment ogħla mill-prezzijiet tal-esportazzjoni miċ-Ċina lejn l-Istati Uniti (17 % ogħla tul il-PIR). Minħabba n-nuqqas ta' kooperazzjoni mill-esportaturi Ċiniżi, ma jistax jiġi ddeterminat sa liema punt din id-differenza tista' tiġi spjegata mid-differenza fit-taħlita ta' prodotti. Madankollu, abbażi tad-dejta disponibbli dwar l-esportazzjoni, ma jistax jiġi eskluż li l-makkinarju ta' ġarr ta' pallets bl-idejn esportat lejn l-Istati Uniti bi prezzijiet iktar baxxi jiġi (parzjalment) mibgħut lejn l-Unjoni jekk il-miżuri jiġu

revokati. Żvilupp bħal dan jista' jiġi spjegat mir-raġunijiet imsemmija fil-premessa (31) hawn fuq.

- (33) It-tqabbil tal-prezzijiet ta' hawn fuq juri li l-UE tibqa' destinazzjoni tassew attraenti għall-produtturi esportaturi Ċiniżi, li huwa tassew probabbli li jkomplu jesportaw kwantitajiet kbar ta' makkinarju ta' ġarr ta' pallets bl-idejn bi prezzijiet baxxi.

3.4. Il-konklużjoni dwar il-probabbiltà ta' kontinwazzjoni jew rikorrenza tad-dumping

- (34) L-analiżi ta' hawn fuq turi li l-importazzjonijiet Ċiniżi komplew jidħlu fis-suq tal-Unjoni bi prezzijiet li kienu l-oġġett ta' dumping b'marġni tad-dumping għoli ħafna. Minħabba, notevolment, l-analiżi tal-livelli tal-prezzijiet fis-suq tal-UE u fis-swieq ta' pajjiżi terzi oħra kif ukoll tal-kapaċitajiet disponibbli fir-RPĊ, jista' jiġi konkluż li hemm probabbiltà ta' tkompli ta' dumping jekk il-miżuri jitneħħew.

D. ID-DEFINIZZJONI TAL-INDUSTRIJA TAL-UNJONI

1. Il-produzzjoni tal-Unjoni

- (35) Fl-Unjoni, il-prodott simili huwa mmanifatturat miż-żewġ gruppi ta' kumpaniji li huma l-applikanti, kif ukoll minn produttur terz tal-Unjoni ta' makkinarju ta' ġarr ta' pallets bl-idejn. Il-produzzjoni ta' dawn il-kumpaniji tikkostitwixxi l-produzzjoni totali tal-Unjoni tal-prodott simili fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament bażiku.

2. L-industrija tal-Unjoni

- (36) Billi dawn il-produtturi huma responsabbli għall-produzzjoni totali tal-Unjoni ta' makkinarju ta' ġarr ta' pallets bl-idejn, huma meqjusin li jikkostitwixxu l-industrija tal-Unjoni fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 4(1) u l-Artikolu 5(4) tar-Regolament bażiku u minn hawn 'il quddiem se jissejġu "l-industrija tal-Unjoni".
- (37) Esportatur li ma kkooperax iddikjara li l-Kummissjoni użat definizzjoni mhix preċiża tal-industrija tal-Unjoni minħabba li inkludiet produttur tal-Unjoni li ma kkooperax skont id-definizzjoni tal-industrija tal-Unjoni u fil-kamp ta' applikazzjoni tal-analiżi tal-ħsara tagħha. Dawn argumentaw li dan sar bi ksur tal-Artikolu 5(4) tar-Regolament bażiku. Madankollu, skont l-Artikolu 4(1) tar-Regolament bażiku, l-industrija tal-Unjoni tinkludi l-produtturi tal-Unjoni tal-prodott simili b'mod ġenerali. Il-produttur li ma kkooperax għalhekk jagħmel parti mill-industrija tal-Unjoni skont ir-Regolament bażiku. Kif inhu spjegat fil-premessa (42), id-dejta għall-produttur tal-Unjoni li ma kkooperax ġiet inkluża biss fir-rigward tal-analiżi tal-volumi tal-bejgħ lil klijenti mhux relatati u ishja mis-suq tal-industrija tal-Unjoni. Huwa nnutat ukoll li fil-każ li l-produttur tal-Unjoni li ma kkooperax ġie eskluż mill-analiżi, is-sejbiet tal-investigazzjoni jibqgħu l-istess.

E. IS-SITWAZZJONI FIS-SUQ TAL-UNJONI

1. Il-kumment preliminari

- (38) Minħabba li l-ebda produttur esportatur Ċinizz tal-prodott ikkonċernat ma kkoopera f'din l-investigazzjoni, id-dejta relatata mal-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat fl-Unjoni Ewropea li joriġinaw mir-RPĊ ("il-pajjiż ikkonċernat") hija bbażata fuq iċ-ċifri tal-Eurostat.

2. Il-konsum fis-suq tal-Unjoni

- (39) Il-konsum tal-Unjoni għe stabbilit abbażi tal-volumi tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni fis-suq tal-Unjoni, u dejta tal-importazzjoni mill-Eurostat.
- (40) Bejn l-2007 u l-PIR, il-konsum tal-Unjoni naqas b'40 % u t-tnaqqis ewlieni seħħ bejn l-2008 u l-2009.

Tabella 1

	2007	2008	2009	PIR
Il-konsum totali tal-UE (biċċiet)	783.330	654.843	385.410	468.557
<i>Indiċi (2007=100)</i>	100	84	49	60

3. Il-volum, is-sehem tas-suq u l-prezzijiet tal-importazzjonijiet mir-RPĊ

- (41) Il-volum tal-importazzjonijiet li joriġinaw mir-RPĊ naqas b'37 % tul il-perjodu kkunsidrat u laħaq livell ta' 387,907 biċċa waqt il-PIR. Madankollu, minkejja t-tnaqqis sinifikanti fid-domanda tal-Unjoni, is-sehem mis-suq tal-importazzjonijiet Ċiniżi żdied tul il-perjodu kkunsidrat billi l-importazzjonijiet Ċiniżi ma naqsux bl-istess rata bħall-konsum tal-Unjoni. Is-sehem mis-suq tal-importazzjonijiet mill-pajjiż ikkonċernat għalhekk żdied b'mod sinifikanti bejn l-2007 u l-PIR, meta laħaq il-livell ta' madwar 83 %. Il-prezz medju tal-importazzjonijiet taċ-Ċina varjaw kemxejn tul il-perjodu kkunsidrat.

Tabella 2

	2007	2008	2009	PIR
Volum ta' importazzjonijiet mill-pajjiż ikkonċernat (biċċiet) *	612.222	522.573	300.222	387.907
<i>Indiċi (2007=100)</i>	100	85	49	63
Is-sehem mis-suq tal-importazzjonijiet mill-pajjiż ikkonċernat *	78 %	80 %	78 %	83 %
Il-prezz tal-importazzjonijiet mill-pajjiż ikkonċernat (EUR/biċċa) *	96	92	100	97
<i>Indiċi (2007=100)</i>	100	96	104	101

* Dejta mill-Eurostat FI-2007 u l-2008, parti mill-prodotti Ċiniżi għew iddikjarati li huma ta' oriġini Tajlandiża, sal-impożizzjoni tal-miżuri ta' kontra l-evazzjoni tal-liġi fuq l-importazzjonijiet mit-Tajlandja fl-2008. Għalhekk daww l-importazzjonijiet mit-Tajlandja għew miżjuda mal-importazzjonijiet mill-pajjiż ikkonċernat, u affettwaw kemxejn id-dejta għall-2007 u l-2008 fit-Tabella 2 hawn fuq.

4. Is-sitwazzjoni ekonomika tal-industrija tal-Unjoni

- (42) Skont l-Artikolu 3(5) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni eżaminat il-fatturi u l-indiċijiet ekonomiċi kollha rilevanti li jaffettwaw l-istat tal-industrija tal-Unjoni. Għal raġunijiet ta' kunfidenzjalità (żewġ produttori biss – l-applikanti – ikkooperaw fir-reviżjoni) l-indiċijiet biss huma żvelati hawn taħt. Fir-rigward tal-volum tal-bejgħ totali tal-UE lil klijenti mhux relatati kif ukoll tas-sehem mis-suq tal-industrija tal-Unjoni muri f'Tabelli 6 u 7, sabiex ikun hemm konsistenza mat-Tabelli 1 u 2 ta' hawn fuq (il-konsum u s-sehem mis-suq Ċiniż), id-dejta hija bbażata fuq it-tliet produttori tal-Unjoni, jiġifieri bl-inklużjoni taż-żewġ gruppi ta' applikanti u t-tielet manifattur li

ma kkooperax fir-reviżjoni (iċ-ċifri tal-volum tal-bejgħ ta' dan tal-aħħar huma bbażati fuq l-informazzjoni sottomessa mill-applikanti).

4.1. *Il-produzzjoni*

- (43) Fil-PIR, il-produzzjoni naqset b'35 % meta mqabbla mal-2007.

Tabella 3

	2007	2008	2009	PIR
Il-produzzjoni (biċċiet)				
<i>Indiċi (2007=100)</i>	100	84	55	65

4.2. *Il-kapaċità u rati tal-użu tal-kapaċità*

- (44) Il-kapaċità tal-produzzjoni baqgħet stabbli bejn l-2007 u l-PIR. Waqt li l-użu tal-kapaċità kien diġà f'livell baxx fl-2007, it-tnaqqis fil-produzzjoni bejn l-2007 u l-PIR wassal għal iktar tnaqqis sinifikanti fl-użu tal-kapaċità b'20 punt perċentwali bejn l-2007 u l-PIR, meta l-użu tal-kapaċità kien f'livell baxx ħafna.

Tabella 4

	2007	2008	2009	PIR
Il-kapaċità tal-produzzjoni (biċċiet)				
<i>Indiċi (2007=100)</i>	100	100	100	100
L-użu tal-kapaċità				
<i>Indiċi (2007=100)</i>	100	84	55	65

4.3. *L-istokks*

- (45) Il-livell tal-istokks tal-għeluq tal-industrija tal-Unjoni naqas b'56 % bejn l-2007 u l-PIR.

Tabella 5

	2007	2008	2009	PIR
L-istokks tal-għeluq (biċċiet)				
<i>Indiċi (2007=100)</i>	100	131	59	156

4.4. *Il-volum tal-bejgħ*

- (46) Il-bejgħ mill-industrija tal-Unjoni fis-suq tal-Unjoni lil klijenti mhux relatati naqas b'50 % matul il-perjodu kkunsidrat, bl-ikbar tnaqqis bejn l-2008 u l-2009.

Tabella 6

	2007	2008	2009	PIR
Il-volum tal-bejgħ tal-UE lil klijenti mhux relatati (biċċiet)				
<i>Indiċi (2007=100)</i>	100	79	55	50

4.5. *Is-sehem mis-suq*

- (47) Is-sehem mis-suq tal-industrija tal-Unjoni naqas minn livell li diġà kien baxx fl-2007 b'16 % addizzjonali bejn l-2007 u l-PIR. Tnejn mill-erba' produttori tal-Unjoni tal-investigazzjoni oriġinali waqfu jimmanifatturaw il-makkinarju ta' ġarr ta' pallets bl-idejn. Wieħed jista' josserva li ż-żewġ avvenimenti rriżultaw mill-pressjoni miżjuda li l-importazzjonijiet Ċiniżi li kienu l-oġġett ta' dumping qed jeżerċitaw fuq is-suq Ewropew, liema pressjoni nħasset anki iktar mill-industrija tal-Unjoni f'sitwazzjoni ta' konsum li kien qed jonqos b'rata mgħaġġla.

Tabella 7

	2007	2008	2009	PIR
Is-sehem mis-suq tal-industrija tal-Unjoni				
<i>Indiċi (2007=100)</i>	100	95	111	84

4.6. *It-tkabbir*

- (48) Bejn l-2007 u l-PIR, il-konsum tal-Unjoni naqas b'40 %. L-industrija tal-Unjoni tilfet kważi 3,2 punti perċentwali ta' sehem mis-suq, filwaqt li l-importazzjonijiet konkernati kisbu 5 punti perċentwali ta' sehem mis-suq.

4.7. *L-impjiegi*

- (49) Il-livell tal-impjiegi tal-industrija tal-Unjoni naqas bi 17 % bejn l-2007 u l-PIR. Dan juri l-isforzi tal-industrija tal-Unjoni biex tirrazzjonalizza l-produzzjoni f'sitwazzjoni ta' domanda li kienet qed tonqos b'pass mgħaġġel.

Tabella 8

	2007	2008	2009	PIR
Il-prodott tal-impjiegi kkonċernat (persuni)				
<i>Indiċi (2007=100)</i>	100	84	76	83

4.8. *Il-produttività*

- (50) Il-produttività tal-forza tax-xogħol tal-industrija tal-Unjoni, imkejla bħala prodott għal kull persuna impjegata kull sena, naqset bi 22 % bejn l-2007 u l-PIR.

Tabella 9

	2007	2008	2009	PIR
Il-produttività (biċċiet għal kull impjegat)				
<i>Indiċi (2007=100)</i>	100	103	74	78

4.9. *Il-prezzijiet tal-bejgħ u l-fatturi li jaffettwaw il-prezzijiet domestiċi*

- (51) Il-prezzijiet tal-bejgħ għal kull unità mill-industrija tal-Unjoni żdiedu b'4 % bejn l-2007 u l-PIR.

Tabella 10

	2007	2008	2009	PIR
Il-prezz unitarju tas-suq tal-UE (EUR/biċċa)				
<i>Indiċi (2007=100)</i>	100	101	103	104

4.10. *Il-pagi*

- (52) Bejn l-2007 u l-PIR, il-paga medja għal kull impjegat naqset b'29 %. Dan juri wkoll l-isforzi li rnexxew li saru mill-industrija tal-Unjoni biex jitrażżnu l-prezzijiet, minkejja l-problemi kkawżati mit-tnaqqis drastiku fil-volum tal-produzzjoni.

Tabella 11

	2007	2008	2009	PIR
L-ispejjeż annwali tax-xogħol għal kull impjegat ('000 EUR)				
<i>Indiċi (2007=100)</i>	100	91	63	71

4.11. *L-investimenti*

- (53) Bejn l-2007 u l-PIR, il-fluss annwali ta' investimenti fil-prodott ikkonċernat li għamlet l-industrija tal-Unjoni naqas b'91 %.

Tabella 12

	2007	2008	2009	PIR
L-investment nett (EUR)				
<i>Indiċi (2007=100)</i>	100	58	27	9

4.12. *Il-profittabbiltà u redditu mill-investimenti*

- (54) Il-profittabbiltà tal-industrija tal-Unjoni naqset sostanzjalment b'66 % bejn l-2007 u l-PIR.

- (55) Ir-redditu mill-investimenti ("ROI") ukoll naqas sinifikattivament, b'57 % tul il-perjodu kkunsidrat.

Tabella 13

	2007	2008	2009	PIR
Il-Profitt Nett tal-bejgħ tal-UE lil klijenti mhux relatati (% ta' bejgħ nett)				
<i>Indiċi (2007=100)</i>	100	68	-2	34
ROI (profitt nett f' % tal-valur nett skont il-kotba tal-investimenti)				
<i>Indiċi (2007=100)</i>	100	80	-2	43

4.13. Il-fluss ta' flus u l-kapaċità ta' ġbir ta' kapital

- (56) Il-fluss ta' flus nett mill-attivitajiet operattivi jidher fit-tabella 14 hawn taħt. Ma kienx hemm indikazzjonijiet li l-industrija tal-Unjoni ffaċċjat diffikultajiet fil-ġbir tal-kapital, l-aktar minħabba li wħud mill-produtturi huma inkorporati fi gruppi akbar.

Tabella 14

	2007	2008	2009	PIR
Il-fluss ta' flus (EUR)				
<i>Indiċi (2007=100)</i>	100	84	65	73

4.14. Id-daqs tal-marġni tad-dumping

- (57) Minħabba l-volum, is-sehem mis-suq u l-prezzijiet tal-importazzjonijiet mir-RPĊ, l-impatt fuq l-industrija tal-Unjoni tal-marġni attwali tad-dumping ma jistax jitqies li hu negliġibbli.

4.15. L-irkupru mill-effetti tad-dumping li sar fil-passat

- (58) L-indikaturi li ġew eżaminati hawn fuq juru li, minkejja l-impożizzjoni tal-miżuri tal-anti-dumping fl-2005, is-sitwazzjoni ekonomika u finanzjarja tal-industrija tal-Unjoni baqgħet sostanzjalment fraġli, minħabba preżenza kbira ħafna ta' prodotti miċ-Ċina bi prezzijiet baxxi fis-suq tal-UE. Il-prekarjetà tas-sitwazzjoni kompliet toħroġ biċ-ċar fi stampa ta' ħsara tul l-2009 u l-PIR, meta tnaqqis sostanzjali fil-konsum tal-Unjoni enfasizza l-estent sħiħ tal-pressjoni negattiva eżerċitata mill-importazzjonijiet miċ-Ċina li kienu l-oġġett ta' dumping. Tul dak il-perjodu fil-fatt, l-industrija tal-Unjoni esperjenzat tnaqqis fil-volumi tagħha tal-produzzjoni u l-bejgħ b'rata iktar mgħaġġla mill-konsum tal-Unjoni u għalhekk esperjenzat telf addizzjonali fl-ishma mis-suq. Tul l-istess perjodu, u minkejja l-miżuri, is-sehem mis-suq tal-importazzjonijiet Ċinzi żdied u l-prodotti Ċinzi baqgħu jiġu importati bi prezzijiet sostanzjalment iżjed baxxi minn daww tal-industrija tal-Unjoni. Tul il-PIR, il-profitti komplew jonqsu għall-industrija tal-Unjoni. Għalhekk, l-industrija tal-Unjoni ma setgħetx tirkupra mill-effetti tad-dumping u s-sitwazzjoni tagħha kompliet tiddeterjora tul il-PIR.

4.16. Il-konklużjonijiet

- (59) Bejn l-2007 u l-PIR, u minkejja l-eżistenza tal-miżuri tal-anti-dumping, żviluppaw għadd ta' indikaturi negattivi importanti: il-profittabbiltà naqset b'4,9 punti perċentwali, il-volumi tal-produzzjoni u tal-bejgħ naqsu b'35 % u 50 % rispettivament, l-użu tal-kapaċità niżel b'35 % u dan ġie segwit minn tnaqqis fl-impjieg. Għalkemm parti minn dawn l-iżviluppi negattivi tista' tiġi spjegata mit-tnaqqis qawwi fil-konsum, li naqas b'40 % matul il-perjodu kkunsidrat, it-tnaqqis tas-sehem mis-suq tal-industrija tal-Unjoni li kompli jiggrava (niżel b'4 punti perċentwali bejn l-2007 u l-PIR) u ż-żieda kostanti fis-sehem mis-suq tal-importazzjonijiet mir-RPĊ huma sinjali ċari tal-pressjoni li qed tiżdied u li tirriżulta mill-importazzjonijiet miċ-Ċina li huma l-oġġett ta' dumping. Minħabba li l-importazzjonijiet miċ-Ċina kważi jgawdu monopolju tas-suq tal-Unjoni, kwalunkwe żieda oħra fl-importazzjonijiet miċ-Ċina, anki minħabba l-prezzijiet tagħhom li huma b'mod sinifikanti baxxi, tista' twaqqa' l-livell tal-użu tal-produzzjoni tal-industrija tal-Unjoni għal inqas mill-minimu neċessarju biex tiġi żgurata s-sostenibbiltà tiegħu. F'dan ir-rigward, jiġi mfakkar li ż-żewġ produttori tal-Unjoni ġew sfurzati li jabbandunaw in-negozju tal-makkinarju ta' ġarr ta' pallets bl-idejn matul il-perjodu kkunsidrat, kif diġà ssemma fil-premessa (47) hawn fuq.
- (60) Fil-kummenti tiegħu wara l-iżvelar, produttur esportatur Ċiniż qal li ċerti indikaturi inklużi l-produzzjoni, il-volum tal-bejgħ, il-profittabbiltà, l-użu tal-kapaċità u l-impjieg, fil-fatt ma juru l-ebda żvilupp negattiv għall-industrija tal-Unjoni. Madankollu, il-kumpanija kienet qieset biss l-iżvilupp bejn l-2009 u l-PIR, filwaqt li għall-valutazzjoni tal-ħsara l-iżvilupp ġenerali tal-industrija tal-Unjoni tul il-perjodu meqjus, jiġifieri bejn l-2007 u l-PIR għandu jiġi vvalutat. Kif inhu spjegat fuq (ara l-premessi (43) sa (49)), l-indikaturi kollha tal-ħsara msemmija mill-esportatur Ċiniż, żviluppaw f'direzzjoni negattiva tul il-perjodu meqjus.
- (61) Barra minn hekk, l-istess esportatur qal li l-Kummissjoni ma għamlitx distinzjoni bejn l-effett ta' ħsara kkawżat mill-importazzjonijiet li kienu l-oġġett ta' dumping u effetti oħra, partikolarment it-tnaqqis drastiku fid-domanda minħabba l-kriżi ekonomika, Madankollu, filwaqt li huwa minnu li l-konsum tal-Unjoni naqas b'40 % tul il-perjodu meqjus, l-esportaturi Ċiniżi rnexxielhom jakkwistaw sehem mis-suq sinifikanti għad-detriment tal-industrija tal-Unjoni. Barra minn hekk, kif inhu spjegat fil-premessa (58) fuq, huwa mfakkar li l-impatt tal-importazzjonijiet li kienu l-oġġett ta' dumping kien fil-fatt iktar ta' ħsara tul il-perjodu fejn id-domanda kienet baxxa.

Għalhekk ġie konkluż li, minkejja l-eżistenza tal-miżuri tal-anti-dumping, l-industrija tal-Unjoni sofriet minn ħsara materjali tul il-PIR.

5. L-impatt tal-importazzjonijiet li kienu l-oġġett ta' dumping u fatturi oħra

5.1. L-impatt tal-importazzjonijiet li kienu l-oġġett ta' dumping

- (62) Minkejja żieda fil-konsum fl-Unjoni Ewropea tul il-perjodu kkunsidrat, il-volum tal-importazzjonijiet mill-pajjiż ikkonċernat ma żdiedx bl-istess rata u dan wassal biex l-importazzjonijiet miċ-Ċina jgawdu sehem ikbar mis-suq. Fin-nuqqas ta' kooperazzjoni mill-produtturi esportaturi Ċiniżi, it-twaqqiġ tal-prezzijiet u l-bejgħ bi prezzijiet iktar baxxi ġew ikkalkolati abbażi tal-aħjar fatti disponibbli, li kienu jinkludu diversi sorsi ta' informazzjoni jiġifieri dejta mill-Eurostat, offerti mill-produtturi esportaturi Ċiniżi

kif sottomessi mill-applikanti, u fatturi tal-esportazzjoni miġburin mill-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri. Instab li l-importazzjonijiet mill-pajjiż ikkonċernat iwaqqgħu b'mod ċar il-prezzijiet tal-industrija tal-Unjoni b'madwar 43 % u 78 %, skont is-sorsi ta' informazzjoni użati.

5.2. *L-importazzjonijiet minn pajjiżi oħra*

- (63) L-importazzjonijiet minn pajjiżi oħra jinsabu f'livell baxx ħafna u komplew jonqsu b'79 % bejn l-2007 u l-PIR. Is-sehem mis-suq tal-importazzjonijiet minn pajjiżi oħra naqas tul il-PIR ukoll. Għal raġunijiet ta' kunfidenzjalità (żewġ produttori jikkostitwixxu l-industrija tal-Unjoni) l-indiċijiet biss huma żvelati hawn taħt.

Tabella 15

	2007	2008	2009	PIR
Il-volum ta' importazzjonijiet minn pajjiżi oħra (biċċiet)				
<i>Indiċi (2007=100)</i>	100	60	6	21
Is-sehem mis-suq tal-importazzjonijiet minn pajjiżi oħra				
<i>Indiċi (2007=100)</i>	100	71	12	34

6. **Il-konklużjoni**

- (64) Kif jidher fil-premessa (41) l-importazzjonijiet mill-pajjiż ikkonċernat żdiedu fir-rigward ta' sehem mis-suq tul il-perjodu kkunsidrat, u dan minkejja tnaqqis sinifikanti fil-konsum tal-Unjoni. Dan żied is-sehem mis-suq tal-importazzjonijiet Ċiniżi għal 83 % tal-konsum tal-Unjoni tul il-PIR. Din iż-żieda fil-pressjoni fir-rigward ta' volumi, minkejja t-tnaqqis ġenerali fid-domanda, kienet konnessa ma' prezzijiet tal-importazzjoni miċ-Ċina lejn l-Unjoni li huma b'mod sinifikanti baxxi, u b'hekk il-prezzijiet tal-industrija tal-Unjoni waqqgħu konsiderevolment. Għalhekk ġie konkluż li hemm rabta kawżali bejn l-importazzjonijiet li kienu oġġett ta' dumping mir-RPĊ u l-ħsara materjali li batiet l-industrija tal-Unjoni tul il-PIR.

F. **IL-PROBABBILTÀ TAL-KONTINWAZZJONI TAL-ĦSARA**

1. **Il-kummenti preliminari**

- (65) Kif intwera diġà, minħabba l-impożizzjoni tal-miżuri tal-anti-dumping l-industrija tal-Unjoni ma setgħetx tirkupra mill-ħsara li batiet.

2. **L-iżvilupp probabbli tal-esportazzjonijiet miċ-Ċina jekk il-miżuri jiġu revokati**

- (66) Kif imsemmi fil-premessa (26) hawn fuq, ir-RPĊ għandha kapaċitajiet kbar ta' produzzjoni. Il-livelli ta' produzzjoni fl-2008 u l-2009, 1,5 miljun unità u 800 000 unità rispettivament, diġà kienu iktar mid-doppju tad-daqs tas-suq kollu tal-UE. Barra minn hekk, proporzjon limitat biss tal-produzzjoni Ċiniża (14 % fl-2008 u 23 % fl-2009) inbiegħ fis-suq domestiku Ċiniż. Fin-nuqqas ta' miżuri, għalhekk, kwantitajiet addizzjonali sinifikanti ta' makkinarju ta' ġarr ta' pallets bl-idejn miċ-Ċina jistgħu jintbagħtu lejn is-suq tal-Unjoni.
- (67) Kif imsemmi fuq fil-premessa (31), il-prezzijiet tal-esportazzjoni taċ-Ċina lejn l-UE, huma b'mod ġenerali f'konformità mal-prezzijiet tal-esportazzjoni medji taċ-Ċina

għall-pajjiżi terzi kollha. Madankollu, jista' jiġi konkluż li tal-inqas parti mill-esportazzjonijiet taċ-Ċina lejn il-pajjiżi terzi minbarra l-UE jew l-Istati Uniti (40 % tal-esportazzjonijiet kollha miċ-Ċina) jistgħu potenzjalment jintbagħtu lejn l-UE minflok fid-destinazzjoni oriġinali jekk il-miżuri jiġu revokati. Żvilupp bħal dan huwa probabbli, mhux biss minħabba li jistgħu jintlaħqu prezzijiet oġhla fin-nuqqas ta' miżuri iżda, notevolment, minħabba l-frammentazzjoni ta' daww l-esportazzjonijiet lejn pajjiżi terzi. Minħabba l-importanza tas-suq tal-UE u ta' mezzi ta' bejgħ li huma diġà stabbiliti, ikun iktar faċli li wieħed jikkontrolla destinazzjoni waħda tal-esportazzjonijiet milli ħafna pajjiżi.

3. Il-konklużjoni

- (68) Fid-dawl tas-sejbiet imsemmija fil-premessi (65) u (67) hawn fuq, huwa konkluż li hemm probabbiltà li l-ħsara materjali li nstabet tul il-PIR se tkompli teżisti jekk il-miżuri jiġu revokati. Dan x'aktarx li jwassal għal iktar deterjorament tas-sitwazzjoni ekonomika u finanzjarja tal-industrija tal-Unjoni, li tul żmien medju jista' jwassal biex jikkomprometti l-eżistenza tagħha.

G. L-INTERESS TAL-UNJONI

1. Introduzzjoni

- (69) Skont l-Artikolu 21 tar-Regolament bażiku, ġie eżaminat jekk iż-żamma tal-miżuri tal-anti-dumping eżistenti tmurx kontra l-interess tal-Unjoni bħala entità. Id-determinazzjoni tal-interess tal-Unjoni kienet ibbażata fuq apprezzament tal-interessi differenti involuti, jiġifieri daww tal-industrija tal-Unjoni, tal-importaturi, u tal-utenti.
- (70) Għandu jiġi mfakkar ukoll li, fl-investigazzjoni oriġinali, l-adozzjoni tal-miżuri kienet ikkunsidrata li ma tmurx kontra l-interess tal-Unjoni. Barra minn hekk, il-fatt li l-investigazzjoni preżenti hija reviżjoni, li b'hekk tanalizza sitwazzjoni li fiha l-miżuri tal-anti-dumping diġà kienu fis-seħħ, jippermetti l-valutazzjoni ta' kwalunkwe impatt negattiv mhux xieraq fuq il-partijiet ikkonċernati mill-miżuri tal-anti-dumping eżistenti.
- (71) Fuq din il-bażi kien eżaminat, jekk, minkejja l-konklużjonijiet dwar il-probabbiltà ta' kontinwazzjoni ta' dumping li jagħmel il-ħsara, jista' jkun konkluż b'mod ċar li mhuwiex fl-interess tal-Unjoni li jinżammu l-miżuri f'dan il-każ partikolari.

2. L-interess tal-industrija tal-Unjoni

- (72) L-industrija tal-Unjoni tilfet b'mod konsistenti s-sehem mis-suq filwaqt li l-importazzjonijiet mill-pajjiż ikkonċernat żdiedu sostanzjalment matul il-perjodu kkunsidrat. Tnejn mill-erba' produttori oriġinali tal-Unjoni waqqfu l-produzzjoni tal-prodott investigat. Barra minn hekk, l-industrija tal-Unjoni batiet ħsara materjali tul il-perjodu kkunsidrat. Mingħajr l-eżistenza tal-miżuri, l-industrija tal-Unjoni probabbli tkun f' sitwazzjoni anki agħar.

3. L-interessi tal-importaturi u l-utenti

- (73) L-ebda wieħed mill-importaturi u l-utenti mhux relatati li ġew ikkuntattjati ma kkoopera. Ta' min ifakkar li, fl-investigazzjoni oriġinali, instab li l-impatt tal-impożizzjoni tal-miżuri ma kellux ikun sinifikanti għall-utenti. Minkejja l-eżistenza

tal-miżuri għal ħames snin, l-importaturi/utenti fl-Unjoni komplew jakkwistaw il-provvisti tagħhom mir-RPĊ. Barra minn hekk ma tressqet l-ebda indikazzjoni li kien hemm diffikultajiet biex jinstabu sorsi oħra. Barra minn hekk, huwa mfakkar li fl-investigazzjoni oriġinali l-utenti li kkooperaw baqgħu newtrali fir-rigward tal-impożizzjoni tal-miżuri u ġie konkluż li l-makkinarju ta' ġarr ta' pallets bl-idejn kien ta' importanza trivjali fin-negozju tagħhom. L-ebda indikazzjoni tal-kuntrarju ma nstabet waqt din ir-reviżjoni. Għalhekk ġie konkluż li huwa improbabbli li ż-żamma tal-miżuri tal-anti-dumping jkollha effett serju fuq l-importaturi/utenti fl-Unjoni. Fil-fatt, mingħajr il-miżuri l-importazzjonijiet miċ-Ċina li huma l-oġġett ta' dumping jistgħu jimmonopolizzaw is-suq tal-UE tal-makkinarju ta' ġarr ta' pallets bl-idejn.

4. Il-konklużjoni

- (74) Fid-dawl ta' dak li ntqal fuq, ma jistax jiġi konkluż b'mod ċar li ż-żamma tal-miżuri tal-anti-dumping eżistenti ma tkunx fl-interess tal-Unjoni.

H. IL-MIŻURI TAL-ANTI-DUMPING

- (75) Il-partijiet kollha ġew mgħarrfa dwar il-fatti essenzjali u l-kunsiderazzjonijiet li abbażi tagħhom kien previst li jiġi rakkomandat li jinżammu l-miżuri eżistenti. Dawn ingħataw ukoll perjodu biex jibagħtu l-kummenti tagħhom wara dak l-iżvelar. Is-sottomissjonijiet u l-kummenti ngħataw il-kunsiderazzjoni dovuta fejn kien ġustifikat.
- (76) Fil-kummenti tagħha wara l-iżvelar, l-industrija tal-Unjoni enfasizzat li d-dumping u l-livelli ta' twaqqigħ fil-prezz misjuba fir-reviżjoni huma ħafna ogħla milli fl-investigazzjoni oriġinali u li kien hemm pressjoni li dejjem kienet qed tiżdied minn importazzjonijiet Ċinzi li kienu l-oġġett ta' dumping. L-industrija tal-Unjoni għalhekk iddikjarat li l-Kummissjoni għandha tikkunsidra wkoll il-valutazzjoni mill-ġdid tal-livell tad-dazji anti-dumping. Fid-dawl ta' dawn il-kummenti, kif ukoll tas-sejbiet ta' din ir-reviżjoni, qed tiġi kkunsidrata l-possibbiltà li tinfetaħ reviżjoni sħiħa interim li tiffoka bis fuq id-dumping.
- (77) Minn dak li ntqal hawn fuq jirriżulta li, kif stipulat fl-Artikolu 11(2) tar-Regolament bażiku, il-miżuri tal-anti-dumping applikabbli għall-importazzjonijiet ta' makkinarju ta' ġarr ta' pallets bl-idejn u l-partijiet essenzjali tagħhom li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina għandhom jinżammu. Huwa mfakkar li dawn il-miżuri jikkonsistu f'dazju *ad valorem* b'rati differenti.
- (78) Huwa mfakkar li l-miżuri soġġetti għar-reviżjoni attwali ġew estiżi bir-Regolament (KE) Nru 499/2009 għal importazzjonijiet tal-istess prodott, mibgħuta mit-Tajlandja, sew jekk dikjarati li joriġinaw mit-Tajlandja u sew jekk le. Ma tressaq l-ebda element ġdid f'dan ir-rigward fil-qafas ta' din ir-reviżjoni. Id-dazju tal-anti-dumping definittiv ta' 46,7 % u applikabbli "għall-kumpaniji l-oħra kollha" għal importazzjonijiet li joriġinaw fir-RPĊ għandu, għaldaqstant, jiġi estiż għal importazzjonijiet tal-istess prodott mibgħuta mit-Tajlandja, sew jekk dikjarati li joriġinaw fit-Tajlandja u sew jekk le.
- (79) Ir-rati tad-dazju tal-anti-dumping tal-kumpaniji individwali speċifikati f'dan ir-Regolament japplikaw biss għall-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat immanifatturat minn dawn il-kumpaniji u għalhekk mill-entitajiet legali speċifiċi msemmija. L-importazzjonijiet tal-prodott konċernat immanifatturat minn kwalunkwe kumpanija oħra mhux imsemmija speċifikament fil-parti operattiva ta' dan ir-

Regolament bl-isem u l-indirizz tagħha, inklużi l-entitajiet relatati ma' daww imsemmija speċifikament, ma jistgħux jibbenefikaw minn dawn ir-rati u għandhom ikunu soġġetti għar-rata tad-dazju applikabbli għall-“kumpaniji l-oħra kollha”.

- (80) Kwalunkwe pretensjoni li titlob l-applikazzjoni ta' dawn ir-rati ta' dazju tal-anti-dumping individwali (eż. wara bidla fl-isem tal-entità jew wara t-twaqqif ta' entitajiet ġodda tal-produzzjoni jew bejgħ) għandha tiġi indirizzata lill-Kummissjoni⁷ flimkien mal-informazzjoni kollha rilevanti, b'mod partikolari kwalunkwe bidla fl-attivitajiet tal-kumpanija marbuta mal-produzzjoni, bejgħ domestiku u għall-esportazzjoni assoċjata ma', pereżempju, dik il-bidla fl-isem jew dik il-bidla fl-entitajiet tal-produzzjoni jew bejgħ. Jekk xieraq, ir-Regolament għandu jiġi emendat kif meħtieġ billi tiġi aġġornata l-lista tal-kumpaniji li jibbenefikaw mir-rati tad-dazju individwali,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. Dazju tal-anti-dumping definittiv huwa hawnhekk impost fuq importazzjonijiet li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina ta' makkinarju ta' ġarr ta' pallets bl-idejn u l-partijiet essenzjali tiegħu, jiġifieri x-xażi u s-sistema idrawlika, li attwalment jaqgħu taħt il-kodiċi NM ex 8427 90 00 (kodiċi TARIC 8427 90 00 11 u 8427 90 00 19) u ex 8431 20 00 (kodiċi TARIC 8431 20 00 11 u 8431 20 00 19). Għall-għan ta' dan ir-Regolament, il-makkinarju ta' ġarr ta' pallets bl-idejn għandu jkun makkinarju b'roti li jirfu l-lifting fork arms għat-tqandil tal-pallets, iddisinjat biex jiġi mbuttat, miġbud u mmexxi bl-idejn, fuq pavimenti lixxi, livelli u ibsin, minn operatur pedonali bl-użu ta' laċċ artikulat. Il-makkinarju ta' ġarr ta' pallets bl-idejn, huwa ddisinjat biss biex jgħolli tagħbija, billi jippompja l-laċċ, sa għoli biżżejjed għall-ġarr u ma għandu l-ebda funzjoni jew użu addizzjonali ieħor bħal, pereżempju, (i) biex iġorr u jerfa' t-tagħbija biex titqiegħed aktar fl-għoli jew jgħin fil-ħżin tat-tagħbija (“highlifters”), (ii) biex jistiva pallet wieħed fuq l-ieħor (“stackers”), (iii) biex jerfa' t-tagħbija għal livell fejn isir ix-xogħol (“scissorlifts”) jew (iv) biex jerfa' u jiżen it-tagħbija (“weighing trucks”).

2. Ir-rata tad-dazju definittiv tal-anti-dumping applikabbli għall-prezz nett, ħieles fil-fruntiera tal-Unjoni, qabel id-dazju, għall-prodotti deskritti fil-paragrafu 1 u manufatturati mill-kumpaniji elenkati hawn taħt għandu jkun kif ġej:

Il-kumpanija	Rata tad-dazju (%)	Kodiċi addizzjonali TARIC
Ningbo Liftstar Material Transport Equipment Factory, Zhouyi Village, Zhanqi Town, Yin Zhou District, Ningbo City, Zhejiang Province, 315144, PRC	32,2	A600
Ningbo Ruyi Joint Stock Co. Ltd, 656 North Taoyuan Road, Ninghai, Zhejiang Province, 315600, PRC	28,5	A601

⁷ Il-Kummissjoni Ewropea, id-Direttorat Ġenerali għall-Kummerċ, Direttorat H, B-1049 Brussell, il-Belġju.

Ningbo Tailong Machinery Co. Ltd, Economic Developing Zone, Ninghai, Ningbo City, Zhejiang Province, 315600, PRC	39,9	A602
Zhejiang Noblelift Equipment Joint Stock Co. Ltd, 58, Jing Yi Road, Economy Development Zone, Changxin, Zhejiang Province, 313100, PRC	7,6	A603
Il-kumpaniji l-oħra kollha	46,7	A999

3. Id-dazju tal-anti-dumping definittiv applikabbli għall-"kumpaniji l-oħra kollha", kif stabbilit fil-paragrafu 2 hawnhekk qed jiġi estiż għall-importazzjonijiet ta' makkinarju ta' ġarr ta' pallets bl-idejn u l-partijiet essenzzjali tiegħu, jiġifieri x-xażi u s-sistema idrawlika, kif ikompli jellabora l-paragrafu 1, li attwalment jaqgħu taħt il-kodiċi NM ex 8427 90 00 u ex 8431 20 00 (kodiċi TARIC 8427 90 00 11 u 8431 20 00 11) u mibgħuta mit-Tajlandja, sew jekk iddikjarati li joriġinaw mit-Tajlandja u sew jekk le.

4. Sakemm ma jiġix speċifikat mod ieħor, għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet fis-seħħ li jikkonċernaw id-dazji.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President